# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, 10 ta' Awwissu, 2017

**Rik. Nru. 140/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 140/17 fl-ismijiet:

Elizabeth **AZZOPARDI ABDILLA**

vs

John Paul **AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lil żewġha l-intimat "milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu" b'mod partikolari : (i) il-fond li jġib in-numru 49, "*Elisabeth*", Barth Street, Ħamrun; u (ii) l-vettura tal-għamla u mudell *Skoda Yeti* bin-numru ta' reġistrazzjoni JON 229;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2017;

Rat li l-intimat laqa' n-notifika tal-atti fil-11 ta' Lulju, 2017[1], bil-mod maħsub fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-13 ta' Lulju, 2017, li biha laqa' għat-talba billi qal li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat għaliex hija r-rikorrenti nnifisha li taħti għal dak li issa trid tipprova tħares bil-ħruġ tal-Mandat – jiġifieri l-garanzija li jitħallsu t-tliet faċilitajiet bankarji ta' self li hu u hi ngħataw matul iż-żwieġ tagħhom. Żied jgħid li bis-saħħa tal-imsemmija faċilitajiet, għola l-valur tad-dar taż-żwieġ (li hija ġid parafernali tar-rikorrenti), u li huwa jmissu jieħu ħlas minħabba li ikkontribwixxa għalih bil-ħlasijiet li saru minn assi tal-komunjoni tal-akkwisti.  Jgħid ukoll li r-rikorrenti bl-ebda mod ma seħħilha turi li għandha xi jedd mad-daqqa t'għajn xi tħares jew li tali jedd jilħaq is-somma li l-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li trid tkun dovuta biex Mandat bħal dak jista' jinħareġ;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-13 ta' Lulju, 2017, f'liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti trid li din il-Qorti żżomm lil żewġha l-intimat milli b'xi mod ineħħi jew jiddisponi minn ġid immobbli partikolari tiegħu fil-Ħamrun (li jidher li hija d-dar fejn illum jgħix) u kif ukoll minn vettura tiegħu, u dan b'ħarsien ta' pretensjoni li hija tgħid li għandha fil-konfront tiegħu bħala "ammont dovut lir-rikorrent għall-ħlasijiet ta' self meħud minn banek lokali mill-partijiet *in solidum*" u li tali pretensjoni titla' għal erbgħa u tletin elf disa' mija u sebgħa u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 34,977.40);

Tqis li l-partijiet iżżewġu lil xulxin f'Mejju tal-2009, imma minn żmien 'l hawn inqalgħu kwestjonijiet bejniethom u bħalissa miexja kawża

[1] Paġ. 13 *tergo* tal-atti

quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[2] għall-firda personali bejniethom, liema kawża nfetħet mill-intimat;

Tqis li l-partijiet jgħixu għal rashom, bir-rikorrenti li baqgħet tgħix fid-dar taż-żwieġ (li hija ġid parafernali tagħha) u l-intimat jgħix fil-fond li r-rikorrenti qiegħda titlob dwaru l-ħruġ ta' dan il-Mandat (li wkoll huwa ġid partikolari tiegħu)[3];

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-għaref difensur tal-intimat dwar jekk ir-rikorrenti għandhiex il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

Tqis illi, minbarra dan, bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis għalhekk li bosta mir-raġunijiet li l-intimat iressaq fit-Tweġiba tiegħu, ma tantx jiswew biex imexxu lil din il-Qorti biex tqis jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti hijix waħda mistħoqqa;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli jużah;

---

[2] Rik. Nru. 232/16AL
[3] Xhieda tar-rikorrenti f'paġġ. 24 – 5 tal-atti

Tqis għalhekk li l-għan tal-Mandat huwa li jżomm it-trasferiment jew it-tqegħid ta' piżijiet fuq ġid li jkun għadu fil-patrimonju tal-parti intimata fiż-żmien meta titressaq it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-għan dikjarat tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li "l-intimat ma jittrasferixxix (*sic*) l-assi tiegħu sabiex jevita li jħallas dan il-kreditu u li għaldaqstant l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimat ma jiġix inibit kif mitlub". Dan qiegħed jintalab fil-qafas ta' kwestjoni li hemm bejniethom dwar il-ħlas tal-bilanċi tad-djun mal-banek (uħud minnhom maħluqa sa minn qabel ma l-partijiet kienu għadhom iżżewġu 'l xulxin) u t-twaqqif tal-ħlasijiet kull xahar tal-imsemmija bilanċi[4];

Tqis li sallum ma ntweriex li l-banek kredituri nedew xi proċeduri kontra r-rikorrenti, u lanqas jirriżulta li r-rikorrenti nediet xi pretensjonijiet kontra l-intimat dwar l-imsemmija bilanċi jew dwar xiħaġa oħra marbuta mal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti. Jekk hemm xi pretensjonijiet bħal dawn, ma ssemmew imkien u lanqas ir-rikorrenti ma xehdet dwarhom;

Tqis li, fil-qagħda attwali li fiha jinsabu l-partijiet dwar l-imsemmija bilanċi ta' self, ma hemm l-ebda jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti wriet li għandha kontra l-intimat. Jekk l-għan tagħha huwa dak li tassigura li huwa jibqa' jħallas is-sehem tiegħu biex jitħallas is-self, il-Mandat ma jistax jinħareġ, għaliex Mandat ta' Inibizzjoni jista' jinħareġ biss dwar obbligazzjoni oni *di non fare*[5] u r-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. Jekk l-għan tagħha huwa li tqiegħed fiż-żgur xi pretensjoni li 'l quddiem tista' ssir kontriha minn xi wieħed mill-banek kredituri, dan ukoll ma jnissilx il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Masdat u wisq anqas ma jsejjes jedd *prima facie* ladarba ma hem l-ebda azzjoni mnedija kontriha. Għalhekk, f'dan ir-rigward, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret qabel waqtha;

Tqis li, f'dan ir-rigward, huwa miżmum ukoll li b'rabta mal-ħtieġa li jintwera l-jedd mad-daqqa t'għajn favur il-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat, irid jintwera wkoll li l-parti rikorrenti tkun tista' tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha biex tikseb ir-rimedju tal-jedd imsemmi fil-Mandat fiż-żmien li tagħti l-liġi[6]. Dan jingħad għaliex ma jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-Mandat, illi d-dritt '*prima facie*' jispetta lill-parti rikorrenti jekk

[4] Ara Dokti "EAA1", "EAA2" u "EAA3", f'paġġ. 19 sa 21 tal-atti
[5] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**
[6] Art. 843(1) tal-Kap 12

kemm-il darba mad-daqqa t'għajn ikun jidher li l-pretensjoni dwar l-istess jedd ma tistax titressaq quddiem din il-Qorti[7]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrenti ma wrietx x'għamla ta' azzjoni tista' tieħu kontra l-intimat li kieku t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa';

Tqis ukoll li, dwar it-talba li jinżamm it-trasferiment tal-post fil-Ħamrun, ir-rikorrenti naqset li tħares dak li titlob minnha l-liġi b'mod tassattiv dwar in-nota ta' iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku fl-eventwalita' li t-talba tagħha dwar dak l-immobbli kellha tintlaqa'[8];

Tqis għalhekk li ma jirriżultawx l-elementi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub billi ma seħħilhiex turi li jeżistu l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-30 ta' Mejju, 2017, safejn laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 10 ta' Awwissu, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

[7] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et***
[8] Ara art. 874(2) tal-Kap 12